MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 1224/2002/1

**Stephen Chircop**

**vs**

**Mary Grace Caruana**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta’ Mejju 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ Lm525.73 (hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu) rapprezentanti danni kagunati wara incident stradali li sehh fil-5 ta’ Marzu 2002 go triq il-Belt Valletta Qormi bejn NOV 976 misjuqa mill-attur u FBA 965 misjuqa mill-konvenuta

L-incident sehh billi l-konvenuta naqset milli izzomm proper look-out u tieqaf u tesplora qabel ma dahlet fl-imsemmija triq u b'hekk sehh l-incident u b'hekk kienet unikament responsabbli ghall-incident.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficajli pprezentata mal-avviz tat-talba ai termini tal-Kap 104 kif ukoll spejjes legali ammontanti Lm24.50c u bl-imghax legali minn notifika ta' l-avviz tat-talba sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet:

It-talba qed tigi kontestata ghar-ragjunijiet segwenti, li jigu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Il-konvenuta kienet qed issuq il-karrozza taghha FBA 965 minn Qormi Road ghal Triq il-Belt , Qormi.  Mall-ewwel okkazjoni li l-konvenuta kellha il-vista ta' Triq il-Belt, hija waqfet, ghax rat il-kaorrza NOV 976 gejja minn naha tax-xellug taghha.

Din il-karozza kienet fuq in-naha leminija tat-Triq il-Belt, kienet misjuqa b'velocita' eccessiva u laqtet lill-karrozza tal-konvenuta, waqt li kienet wieqfa, kif jirrizulta minn l-isketch li turi il-posizzjoni taz-zewg vetturi u l-breakmarks tal-karrozza misjuqa mill-attur.

Il-kollizzjoni saret tort uniku tal-attur u setghet giet evitata unikament fl-ipotesi li l-konvenuta ma kienetx qed issuq il-vettura taghha f'dik il-lokalita'.

Ra r-risposta b'kontro-talba tal-konvenuta fejn qed tikkontestata t-talba ghar-raguni li l-kollizzjoni saret unikament tort tal-attur, kif spjegat fir-risposta tat-talba.

Ra r-risposta attrici  ghal kontro talba fejn eccepixxa:

Illi ghal incident in kwistjoni kienet tahti l-konvenuta u b'hekk m'hemm l-ebda danni li ghandhom jigu likwidati favur il-konvenuta u jsegwi illi l-ebda danni m'ghandhom jigu mhallsa lill-istess konvenuta.

A skans ta’ ripetizzjoni l-esponenti jaghmel referenza ghal dak li qal fl-avviz tat-talba tieghu.

Sema' x-xhieda w ezamina d-dokumenti

Ikkonsidera

Illi jista jigi konsiderat li l-kollizzjoni meritu ta' din il-kawza f'punt 'at a right angle' bejn Triq il-Belt Valletta u Triq Qormi, Hal Qormi. L-attur kien gej mill-ewwel triq, il-konvenuta mit-tieni wahda.  Fil-mument tal-kollizzjoni, l-attur jallega li kienu 'in motion' iz-zewg vetturi tant li hu halla 4.7m brake.  Il-konvenuta allegat li kienet wieqfa – anke x-xhud taghha ommha stess.  Ma hallietx sinjali ta' 'brake' jew ghax kienet wieqfa jew ghax waqfet mad-daqqa.

F'cirkostanzi simili, iz-zewg versjonijiet huma verosimili. Jista' ikun li veru l-konvenuta kienet wieqfa, pero' l-attur ghafas il-brejk fl-"agony of the accident" billi f'dak il-mument kienet sporgiet ruhha l-istess konvenuta.

It-Tribunal jirrileva li z–zewg kontendenti kkontribwew ghas-sinistru.  Fil-waqt li l-konvenuta kellha toqghod ferm aktar attenta meta tohrog u twaqqaf fejn ma tikkostitwix ruhha ta' perikolu ghal terzi utenti tat-triq, da parti tieghu l-attur kellu jzomm a "proper look out" tal-ambjent fejn kien qed isuq u ghal dak li kien qed jigri quddiemhu.  Ghalhekk ir-responsabbilta' ghandha tigi spartita ugwalment bejniethom.

Dwar il-kap tal-hsara kagunata fiz-zewg vetturi, it-Tribunal ihoss li ghandhu jirrileva li kellu joqghod jaghmel ezercizzju dwar l-istess danni li suppost kellhu jsir miz-zewg partijiet u jigi sottomess komplut lit-Tribunal ghal konsiderazzjoni tieghu.  Spicca biex kellu joqghod iqabbel il-kontijiet rispettivi ta' stimi wara rapporti tas-Surveyors minnhom inkarigati u dana minhabba l-kontestazzjoni reciproka li suppost saret mill-partijiet.

Dwar il-vettura tal-attur gew approvati reservoir, indicator u Head Lamp unit sitta u erbghin Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm46.96).

Il-mudguard ma hux koncess billi l-konvenuta opponiet fuqhu ghax gja kien bil-hsara u l-bieba ma gietx inkluza mill-attur. Il-bonnet, panel u spoiler jistghu jissewwew skond l-istess Surveyor – allura b'kollox mitejn u tmienja u sittin Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm268.96). Spejjes legali inizjali mhumiex amissibbli.

Dwar il-vettura tal-konvenuta, il-bonnet ma giex akkordat mis-Surveyor – allura parts jammontaw ghal tlett mija u tmien Liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm308.96). Labour jammonta ghall-mitejn u erbgha u ghoxrin Lira Maltin u ghaxar centezmu (Lm224.10) u spray mija u disgha u ghoxrin Lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm129.32), li b'kollox jammontaw ghal sitt mija u tnejn u sittin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm662.38).

Billi r-responsabbilta' hija 50:50, allura l-attur ghandhu jiehu nofs mitejn u tmienja u sittin Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm268.96) = mija u erbgha u tletin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm134.48), il-konvenuta nofs sitt mija u tnejn u sittin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu Lm662.38) = tlett mija u wiehed u tletin Lira Maltin u dsatax il-centezmu (Lm331.19), allura l-attur ihallas mija u sitta u disghin Lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm196.71) lill-konvenuta.

Jiddeciedi billi jiddikjara li l-incident tal-5 ta' Marzu 2002 gara tort f'sehem indaqs tal-kontendenti u in vista tal-ezercizzju suespost, l-attur ghandhu jhallas is-somma ta' mija u sitta u disghin Lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm196.71) lill-konvenuta, bl-ispejjes jinqasmu bejn il-partijiet, u bl-interessi mid-data tas-sentenza."

Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza. Il-qofol tal-aggravju taghha huwa dak li t-Tribunal adit kien zbaljat fl-apprezzament tieghu tal-provi. Bi kritika tissottometti illi t-Tribunal injora l-provi rizultanti minn xhieda u minn dokumenti esebiti, dimostrattivi tal-fatt illi l-

konsiderazzjonijiet, u allura wkoll il-konkluzjoni, tal-istess Tribunal kienu erronei.

Kif konoxxut, fil-kazijiet ordinarji quddiem tribunali din il-Qorti ta’ revizjoni ma tindahalx, hlief f’kazijiet eccezzjonali, u ghal motivi gravi, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta’ l-ewwel tribunal fir-rigward tal-apprezzament tal-provi (**Kollez. Vol XXXVII pI p56**). Il-Qorti tat-tieni grad kellha biss taghmel dan jekk tkun sodisfatta illi altrimenti tkun ser tigi kawzata ngustizzja manifesta (“**J. Walker noe –vs- R. Pizzuto**”, Appell, 6 ta’ Ottubru 1999). Li jfisser allura, illi fejn, wara ri-konsiderazzjoni tal-atti kollha processwali, jitnissel fiha l-konvinciment illi l-provi prodotti ma kienux u ma setghux iwasslu ghall-konkluzjoni raggunta, l-Qorti ta’ revizjoni kienet fid-dmir li tiddelibera s-sentenza u anke tqeghda in disparte.

Dan premess bhala konsiderazzjoni ta’ indoli generali ghal kazijiet kollha, fil-kaz ta’ appelli minn decizjonijijiet tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tinsorgi problema ohra dettata mill-istess ligi li kkrejat dan it-tribunal specjali. Dan ghaliex ma jidherx li hu possibbli li jsir minn din il-Qorti ezercizzju ta’ revizjoni tal-fatti jew li tissindika l-apprezzament dwarhom mit-Tribunal adit. “Ghalhekk isegwi li l-kompitu ta’ din il-Qorti ghandu jkun ristrett ghall-ezami akkurat tas-sustanza ta’ l-appell biex jigi konsiderat l-ewwel u qabel kollox jekk l-istess appell jinkwadrax ruhu fil-parametri tal-limiti ta’ l-appellabilita` previsti mil-ligi, ghaliex jekk ma jinkwadrax ruhu f’dawn il-parametri, allura d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tiddkjara l-istess appell bhala irritu u null” – “**John Attard –vs- Charles Agius**”, Appell, 14 ta’ Gunju 2001.

Minn ezami tad-decizjoni moghtija mit-Tribunal fil-kaz prezenti huwa evidenti li din kienet sostanzjalment bazata fuq l-apprezzament tal-fatti li sehhew u li taw lok ghall-incident awtomobilistiku, u jekk, fuq il-bazi ta’ dan l-istess apprezzament, kellix issostni l-verzjoni l-wahda jew l-ohra tal-kontendenti, jew issibx kolpa fiz-zewg konducenti.

L-Artikolu 8 (2) ta’ l-Att V ta’ l-1995 jeskludi appell fil-kaz ta’ apprezzament tal-fatti hekk maghmula mit-Tribunal in

kwantu dan id-dispost jelenka sew f'liema cirkostanzi kien konsentit appell minn decizjoni ta' dan it-Tribunal. Manifestament id-dritt ta' appell hu ristrett ghall-kazijiet fih kontemplati, jigifieri (a) fuq kull haga li jkollha x'taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal, (b) kull kwistjoni ta' preskrizzjoni, (c) fuq kull nuqqas tat-tharis tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 2 ta' l-Artikolu 7 u (d) fejn it-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' imparzjalita` u ta' ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

Issa huwa minnu li recentement kien gie introdott dritt iehor ta' appell in aggunta ma' dawn appena elenkati. Senjatament id-dritt ta' l-appell fil-kazijiet kollha fejn l-ammont in disputa jaqbez il-hames mitt Lira (Lm500). Dan id-dritt, introdott bl-Att XXXI ta' l-2002, dahal fis-sehh, skond Avviz legali 161/2003, fis-16 ta' Lulju 2003, u ghalhekk ma japplikax ghal kaz konkret hawn trattat. Dan in vista tal-fatt illi ma nsibu l-ebda disposizzjoni transitorja li taghmlu hekk applikabbli ghall-appelli ntrodotti qabel id-dhul in vigore tieghu (Art 8(3)) bl-avviz legali precitat. U kif jirrizulta l-appell odjern gie prezentat fit-22 ta' Mejju 2003.

Premessi s-sudetti konsiderazzjonijiet tad-dritt procedurali li jghoddu, mill-analisi ta' l-appell prezenti din il-Qorti ma ssib xejn fih li jista' b'xi mod jinduciha tikkonsidrah taht xi wahda mill-erba' ipotesijiet proposti mil-ligi fl-Artikolu 8 (2) succitat. Forsi l-aktar li tista' tavvicina biex tikkonsidrah hu dak li tezaminah fl-ambitu tas-subparagrafu (d) ta' dan l-artikolu. Essenzjalment in tema ta' ekwita`, gjaladarba indiskutibilment din il-Qorti ma tara li kien hemm l-ebda lezjoni tal-imparzjalita` tat-Tribunal, u dan, del resto, lanqas biss gie accennat mill-appellanti.

Ri-apprezzati l-provi hi l-fehma tal-Qorti illi t-Tribunal sewwa rrikostruwixxa d-dinamika tal-incident u tajjeb ukoll identifika r-responsabilitajiet reciproci tas-sewwieqa nvoluti korrelatat ma' l-osservanza jew non-osservanza da parti taghhom tar-regolamenti stradali. Anke jekk forsi b'mod mhux daqstant approfondit, jista' jinghad illi t-Tribunal ha in debita konsiderazzjoni l-provi cirkostanzjali

opportuni, anke independentement mill-versjonijiet tal-partijiet, biex wasal ghal gudizzju tieghu. Gudizzju li tista' tghid kien bazat maggorment fuq konsiderazzjonijiet fattwali emanenti mill-provi. Dan kollu jinduci lil din il-Qorti biex tiddikjara illi sa fejn setghet tirraviza lanqas hawn ma jidher li saret mit-Tribunal vjolazzjoni tad-dritt ekwitattiv.

Lanqas, imbaghad, ma jidher illi t-Tribunal ma segwiex, in tema ta' htija kontributorja, il-principju pacfiku akkolt fil-gurisprudenza illi fejn din il-htija ma tistax tigi diviza b'certezza allura din l-istess htija tigi ugwalment apporzjonata (**Kollez. Vol. XLVIII pI p59**).

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma ssibx raguni biex tallontana ruhha mill-motivazzjoni u konkluzjoni raggunta mit-Tribunal fuq il-fatti akkwiziti. Apparti dan, l-appell huwa mproponibbli ghar-ragunijiet suespressi.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi rigettat u s-sentenza appellata tat-Tribunal, konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------